MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Talba Numru. 1401/2003

**Miller Distributors Limited**

**Vs**

**Ability Publications Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' sitt mija u disgha w erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm649.75c) bilanc parti minn somma akbar, rapprezentanti prezz ta' diversi oggetti mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta' konvenuta qalet li l-ammont mitlub mhux dovut, stante illi l-istess bilanc dovut huwa ferm izghar.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema’ x-xhieda ta’ Peter Borg Cardona li huwa l-*General Manager* tas-socjeta’ attrici fejn jikkonferma li s-socjeta’ konvenuta kienet accettat il-*quotation* tas-socjeta’ attrici. Jispjega li s-servizz tas-socjeta’ attrici kien li jqassmu x-xoghol u jigbru r-*returns* li huwa dak ix-xoghol li ma jinbieghx.

Jikkonferma li r-*returns* gabarhom Jason Taliana tas-socjeta’ konvenuta. Peter Borg Cardona jispjega li jiccargjaw lis-socjeta’ konvenuta jekk jaghmlu distribuzzjoni ta’ *magazine* u jekk dak il-*magazine* ma jinbieghx imbaghad ikollhom immorru biex jigbruh.

Sema’ x-xhieda ta’ Gilbert Camilleri li huwa *Financial Management Assistant* mas-socjeta’ attrici fejn jikkonferma li l-ammont ta’ sitt mija u disgha w erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm649.75c) huwa dovut mis-socjeta’ konvenuta. Jghid ukoll illi l-*magazines* li ma jinbieghawx jingabru mid-*drivers* tas-socjeta’ attrici. Jghid li r-*returns* huma *credits*. Ma jiftakarx jekk is-socjeta’ konvenuta gabritx xi *returns*. Jikkonferma li m’ghandux *credit note* favur is-socjeta’ konvenuta talli gabru r-*returns*.

Sema’ x-xhieda ta’ Jason Taliana li huwa l-*Managing Director* tas-socjeta’ konvenuta fejn jghid illi l-ftehim kien li s-socjeta’ attrici taghti rapport ta’ kemm bieghu s-socjeta’ konvenuta f’dak ix-xahar partikolari u ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta tkun taf kemm ghandha taghti lis-socjeta’ attrici.

Jghid illi meta mar jigbor ir-*returns* is-socjeta’ attrici kienet infurmathom li kienu gabru hamest elef sitt mija u sebgha u sittin (5,667) *return*. Jikkonferma li s-socjeta’ konvenuta kienet gabret tlett elef (3,000) kopja tar-*returns*. Jghid ukoll li kien offra lis-socjeta’ attrici sabiex jiltaqghu u jghoddu l-*magazines* flimkien izda hadd ma kien gie. Jikkonferma wkoll illi s-socjeta’ attrici qatt ma kienet baghtet rapport.

Jason Taliana jaccetta li ghandu jhallas sitt mija u disgha w erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm649.50c) pero' jghid li s-socjeta' attrici ghandha thallas is-somma ta' tmien mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm871).

Ra l-Affidavit ta' Albert Taliana li qal li kien mat-tifel tieghu meta gabar tlett elef (3,000) *magazine* minghand is-socjeta' attrici.

**Ikkunsidra**

Li s-socjeta' konvenuta riedet li s-socjeta' attrici taghmel distribuzzjoni tal-pubblikazzjoni taghha. Is-socjeta' attrici accettat u baghtet *quotation*. Sar id-distribuzzjoni tal-pubblikazzjoni (issues 1, 2 u 3). Is-socjeta' attrici tippretendi hlas skond il-ftehim.

Is-socjeta' konvenuta pprezentat Risposta fejn qalet li l-bilanc dovut jekk hemm huwa ferm izghar.

Fl-10 ta' Marzu, 2004 fil-kontro-ezami Jason Taliana qal li *"ghad irrid nahdem kemm fil-fatt ghandi nhallas"*. Dan meta il-kawza giet notifikata lilu fit-18 ta' Lulju, 2003.

Fix-xhieda d-direttur tas-socjeta' konvenuta sostna li kien hemm tlett elef (3,000) *return* u ghalhekk il-kumplament inbiegh u ghalhekk is-socjeta' konvenuta kienet qieghda tippretendi hlas mis-socjeta' attrici ghal dawk li nbieghu.

Fl-Ittra a fol 33 tal-process Jason Taliana ghas-socjeta' konvenuta kiteb:

*"We accept the fact that we owe them Lm649.50c but we are owed Lm871."*

Ghalhekk hemm ammissjoni li hemm sitt mija u disgha w erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm649.50c) dovut lis-socjeta' attrici.

Illi ma giet ipprezentata l-ebda Kontro-Talba. Illi s-socjeta' konvenuta lanqas allegat *set off* fir-Risposta taghha.

Fit-18 ta’ Lulju, 2003 is-socjeta’ konvenuta kellha nformazzjoni dwar kemm il-kopja tal-pubblikazzjoni kienet giet irritornata izda naqset li tipprocedi ghall-hlas fil-konfront tas-socjeta’ attrici. Meta gabret ir-*returns* setghet baghtet Ittra dwar l-allegat ammont dovut lilha izda ma jirrizultax li ttiehdu xi passi.

Illi l-*invoices* hargu fl-2001 u fil-process m’hemmx provi li s-socjeta’ konvenuta qalet li qieghda tikkontesta l-*invoices* f’dak iz-zmien.

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ konvenuta ma gabitx bizzejjed provi li hi kreditrici tas-socjeta’ attrici.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ sitt mija u disgha w erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm649.75c) bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------